

Brussell, 12 ta' April 2018  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0082 (COD)**

---

**7809/18**  
**ADD 3**

**AGRI 163**  
**AGRILEG 49**  
**CONSOM 106**  
**CODEC 530**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| data meta waslet: | 12 ta' April 2018                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Nru dok. Cion:    | SWD(2018) 93 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:          | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI<br>SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Inizjattiva<br>sabiex tittejjeb il-katina tal-provvista tal-ikel (prattiki kummerċjali inġusti) Li<br>jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT<br>EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Prattiki kummerċjali inġusti fir-<br>relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina tal-provvista tal-ikel |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 93 final.

Mehmuż: SWD(2018) 93 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.4.2018  
SWD(2018) 93 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**Inizjattiva sabiex tittejjeb il-katina tal-provvista tal-ikel (prattiki kummerċjali inġusti)**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar Prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina  
tal-provvista tal-ikel**

{COM(2018) 173 final} - {SWD(2018) 91 final} - {SWD(2018) 92 final}

| <b>Sommarju Eżekuttiv</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Valutazzjoni tal-impatt dwar l-inizjattiva sabiex tittejjeb il-katina tal-provvista tal-ikel – prattiki kummerċjali inġusti                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| <b>A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <b>X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Is-saħħa tan-negozjar bejn l-operaturi fil-katina tal-provvista tal-ikel (FSC) tvarja; il-partijiet aktar dgħajfa (eż. il-bdiewa) huma vittmi tal-prattiki kummerċjali inġusti (UTPs). Ir-reġimi nazzjonali dwar l-UTPs ivarjaw, u fitt hemm koordinazzjoni bejn l-Istati Membri (SM). Dan iħalli lill-operaturi f'xi SM mhux protetti biżżejjed, iwassal għal kundizzjonijiet kummerċjali differenti madwar l-SM, u joħloq inċertezza għall-kummerċ transfruntier. |
| <b>X'jenħtieġ li jinkiseb?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| L-indirizzar tal-UTP jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jippermetti rimedju effettiv għall-operaturi li jaffaċċaw il-UTP; dan jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-PAK ta' standard tal-għajxien ġust għall-persuni involuti fl-agrikoltura, reżiljenza akbar tal-operaturi aktar dgħajfa, u funzjonament aħjar tal-FSC.                                                                                                           |
| <b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Azzjoni tal-UE tipprovdi qafas minimu komuni, ittejjeb il-protezzjoni kontra l-UTP u tnaqqas ir-riperkussjonijiet tul l-FSC. Tikkontribwixxi wkoll għal standards tal-għajxien ġusti tal-komunità agrikola (l-Artikolu 39 tat-TFUE) u għall-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-SM; mingħajr azzjoni tal-UE dan ikun diffiċli.                                                                                                                     |
| <b>B. Soluzzjonijiet</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| <b>X'inhu l-opzjonijiet diversi sabiex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi opzjoni ppreferuta?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| L-opzjonijiet huma mqassmin skont il-grad ta' armonizzazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet tal-UTP, il-kopertura tal-prodotti, il-kopertura tal-operaturi, l-infurzar, u l-koordinazzjoni tal-SM. Ippreferuta: armonizzazzjoni parzjali tar-regoli dwar il-UTP, li tkopri prodotti agrikoli u prodotti pproċessati, tiproteġi lill-SMEs, rekwiżiti minimi għall-infurzar, u mekkaniżmu ta' infurzar fil-livell tal-UE.                           |
| <b>X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema opzjoni u min jappoġġaha?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa jappoġġaw b'mod qawwi azzjoni tal-UE, inkluż dwar l-infurzar. Il-bejjiegħa bl-imnut (kbar) ma jaqblux li l-UTP iseħħu b'mod estensiv u huma kontra miżuri tal-UE.                                                                                                                                                                                                       |
| <b>C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| <b>X'inhu l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| L-operaturi ż-żgħar jibbenefikaw minn protezzjoni permezz ta' leġislazzjoni dwar l-UTP, li żżid l-effiċjenza tagħhom. Dawn il-kisbiet jenħtieġ li jwasslu għal impatti soċjali u ekonomiċi pożittivi fuq is-soċjetà.                                                                                                                                                                                                                                                |
| <b>X'inhu l-ispejjeż tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| L-ispejjeż ta' konformità tal-kumpaniji mhumix mistennija li jkunu kbar. L-impatti soċjali u ambjentali huma mistennija li jkunu newtrali jew saħansitra pożittivi; jista' jkun hemm spejjeż għall-amministrazzjonijiet nazzjonali (taħt).                                                                                                                                                                                                                          |
| <b>X'inhu l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| L-SMEs ikunu protetti aħjar, b'mod ġenerali l-kompetittività hija mistennija li tiżdied.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Il-biċċa l-kbira tal-SM diġà għandhom fis-seħħ xi forma ta' regoli dwar il-UTP; l-ispejjeż amministrattivi għalihom se jkunu limitati. Għal SM oħra, l-ispejjeż ikunu kemxejn ogħla, iżda l-esperjenza tal-SM bil-leġislazzjoni dwar l-UTP turi li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni huma ġeneralment baxxi u jistgħu jiġu assorbiti mill-istrutturi eżistenti. |
| <b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Se jkunu koperti wkoll il-fornituri minn pajjiżi terzi.                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| <b>Proporzjonalità?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Huma koperti biss l-SMEs, il-UTP l-aktar dannużi, u l-oqsma fejn l-SM ma jistgħux jiksibu l-għanijiet waħedhom. L-ispejjeż mistennija huma minimi. L-SM jistgħu jżommu r-reġimi tagħhom u jilleġiżlaw lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-politika.                                                                                                      |
| <b>D. Segwitu</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Abbażi ta' rapporti mill-SM, il-politika se tiġi mmonitorjata kull sena minn gruppi ta' esperti <i>ad hoc</i> . Wara erba' snin se jitwettaq rieżami sħiħ.                                                                                                                                                                                                    |